MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' April, 2009

Rikors Numru. 452/2005/1

**Cheryle Ogilvie; Clouds Catering Limited (C 10006); Francis Chetcuti; u GCO Trading Company Limited (C 18968).**

**vs.**

**Saint George's Park Company Limited (C 264); u Auto Sales Limited (C 491).**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 12 ta' Mejju 2005 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` konvenuta Saint George's Park Company Limited kienet istitwit kawza fl-ismijiet "Saint George's Park Company Limited vs Clouds Catering Limited u Francis Chetcuti bhala garanti", citazzjoni numru 472/2003JRM, u biha talbet li prevja li l-kawza tinstema’ bid-dispensa tas-smigh *a tenur* tal-**artikoli 167/170 tal-Kap. 12**, li din l-Qorti tordna l-izgumbrament tas-socjeta` Clouds Catering Limited mill-fond "Insomnia" gia' "Clouds", f'St. George's Road, Paceville, St. Julians, u tikkundanna lis-socjeta` Clouds Catering Limited l-arretrati tal-kera u d-danni ossja penali likwidati.

Illi b'digriet tas-19 ta' Gunju 2003 fil-kawza fl-istess ismijiet "**Saint George's Park Company Limited vs Clouds Catering Limited**" il-Qorti wara semghet lill-Avukati tal-konvenuti u wara li hadet konjizzjoni tad-dikjarazzjoni tal-avukat ta' l-atturi dwar il-hames (5) u s-sitt (6) talbiet, sabiet illi l-konvenut ma tawx lill-Qorti ragunijiet tajbin bizzejjed biex jithallew jikkontestaw il-kawza u ghaddiet biex hatret bhala Assistent Gudizzjarju ghal finijiet biss tal-kontro-ezami tax-xhieda ta' Peter Paul Testaferrata Moroni Viani kontentuta fl-affidavit tieghu fil-process lill-Avukat Christopher Cilia u tat lill-konvenut zmien ta' tliet gimghat minn dak in-nhar li jintemm l-imsemmi kontro-ezami biex iressaq nota ta' sottomissjonijiet ghal finijiet tal-**artikolu 158 (10) tal-Kap. 12** b'notifika lill-kumpanija attrici illi jkollha tliet gimgha zmien biex tressaq twegiba;

Illi b'rikors tal-appell prezentat fit-13 ta' Ottubru 2003 il-konvenuti Clouds Catering Limited u Francis Chetcuti [atturi f'din l-kawza] appellaw mill-imsemmi digriet tas-19 ta' Gunju 2003 ghal quddiem il-Qorti tal-Appell u dan wara li kienu gabu d-debita awtorizzazzjoni mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex jintavolaw tali appell, mentri s-socjeta` attrici [konvenuta f'din l-kawza] intavolat Appell Incidentali;

Illi pendenti l-imsemmi appell il-kontendenti lahqu mod ta' transazzjoni tal-kawza msemmija billi:-

1. Is-socjeta` Clouds Catering Limited u Francis Chetcuti jcedu l-appell minnhom interpost mid-digriet tas-19 ta' Gunju 2003 tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili, u

jammettu t-talbiet attrici, fil-waqt li s-socjeta` Saint George's Park Company Limited iccedi l-appell incidentali taghha;

2. Is-socjeta` Saint George's Park Company Limited ma tinfurzax is-sentenza ghall-hlas tal-bilanc tal-kera tal-fond "Insomnia" gia' "Clouds", f'St. George's Road, Paceville, St. Julians.

3. Il-vettura Renault Megane b'numru ta' registrazzjoni GBC-825 li ssuq l-attrici Cheryle Ogilvie u li kienet giet mixtrija mis-socjeta` attrici GCO Trading Company Limited b'kuntratt ta' "Hire Purchase" minghand is-socjeta` konvenuta Auto Sales Limited tigi finalment trasferita fuq isem l-attrici Cheryle Ogilvie u dan it-trasferiment isir meta tinqara s-sentenza tal-kawza msemmija billi okkorrendo s-socjeta` konvenuta Saint George's Park Company Limited thallas il-bilanc kollu li ghad baqa' fuq il-bejgh tal-vettura u liema bilanc jammonta ghas-somma ta' sitt elef sift mija u erbgha u hamsin lira maltija u erbgha u hamsin centezmi (Lm6,654.54) kif jidher mill-"i*statement of account*" hawn unit u markat Dok. "A".

Illi b'nota prezentata fil-Qorti tal-Appell fl-1 ta' April 2004 is-socjeta` Clouds Catering Limited u Francis Chetcuti cedew l-Appell minnhom interpost fit-13 ta' Ottubru 2003, u b'nota ohra prezentata fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili s-socjeta` Clouds Catering Limited u Francis Chetcuti ammettew it-talbiet attrici kif dedotti f'dik ic-citazzjoni, mentri s-socjeta` Saint George's Park Company Limited cediet l-appell incidentali taghha;

Illi b'sentenza moghtija fit-2 ta' April 2004 fil-kawza fl-ismijiet imsemmija "**Saint George's Park Company Limited vs Clouds Catering Limited et**" il-Prim' Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talbiet tas-socjeta` Saint George's Park Company Limited u fost affarijiet ohra kkundannat lis-socjeta` Clouds Catering Limited tizgombra mill-fond "Insomnia" gia' "Clouds", f'Saint George's Road, Paceville, St. Julians, fi zmien jumejn mid-data tas-sentenza;

Illi *nonostante* li fit-2 ta' April 2004 nghatat is-sentenza msemmija u *nonostante* li l-istanti Cheryle Ogilvie anki hadmet sabiex is-socjeta` Saint George's Park Company Limited setghet tirriprendi l-pussess tal-hanut "Insomnia" gia' "Clouds" f'St. George's Road, Paceville, St. Julians, u fil-fatt ilium l-imsemmija socjeta` konvenuta hadet pussess ta' dan il-hanut, is-socjeta` konvenuta Saint George's Park Company Limited naqset li tonora l-ftehim dwar il-vettura Renault Megane b'numru ta' registrazzjoni GCC-825 billi thallas kwalsiasi bilanc dovut fuq il-prezz tal-bejgh tal-istess karozza sabiex il-karozza tkun tista' tigi trasferita fuq isem l-istanti Cheryle Ogilvie;

Illi l-istanti nterpellaw lis-socjeta` konvenuta Saint George's Park Company Limited sabiex tonora l-ftehim msemmi izda hija baqghet inadempjenti;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta Saint George's Park Company Limited naqset li tonora l-ftehim fuq imsemmi dwar it-trasferiment tal-vettura tal-marka Renault Megane b'numru ta' registrazzjoni GBC-825 ghal fuq isem l-attrici Cheryle Ogilvie;

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta Saint George's Park Company Limited thallas lill-atturi s-somma ta' sitt elef sitt mija u erbgha u hamsin lira maltija u erghba u hamsin centezmi (Lm6,654.54), jew dik is-somma verjuri aktar jew anqas li tirrizulta dovuta bhala bilanc tal-prezz tal-vettura Renault Megane b'numru ta' registrazzjoni GBC-825 inkluz imghaxijiet u xi spejjez ohra relatati;

3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta Auto Sales Limited sabiex tircievi l-hlas tal-bilanc tal-prezz li jirrizulta dovut kif fuq inghad, tikkancella l-kambjalijiet li hemm fuq il-vettura, tipprovdi *"cancellation form"* ta' l-istess vettura, u titrasferixxi l-imsemmija vettura lill-attrici Cheryle Ogilvie, u fin-nuqqas tinnomina kuraturi sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-att ta' trasferiment relattiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Protest Gudizzjarju prezentat kontestwalment mac-citazzjoni kontra l-konvenuti minn issa ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

B'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi, senjatament dik ta' danni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 sa 5 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebiti a fol. D sa 7 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-22 ta’ Gunju 2005.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Saint George’s Park Company Limited datata 31 ta’ Mejju 2005 a fol. 12 tal-process fejn gie eccepit:-

1. It-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda ghaliex kwalunkwe ftehim li bih tigi rizolta vertenza gudizzjarja *ossia* transazzjoni, ghandu jsir bil-miktub *ai termini* tal-**artikolu 1718 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

2. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda wkoll ghaliex, *dato ma non concesso* li saru proposti u kontro-proposti bejn uhud mill-atturi kien hemm nuqqas ta’ *buona fede* minn uhud tal-atturi u kien ghalhekk li ma ntlahaqx ftehim vinkolanti u finali bejn il-partijiet kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi l-kumpanija Clouds Catering Limited trid tezebixxi l-awtorita` li nghatat mill-Bord tad-Diretturi sabiex tintavola dawn il-proceduri *ai termini* tal-**artikolu 24** tal-istatut taghha.

4. Illi t-talbiet tal-kumpanija CGO Trading Limited ghandhom jigu michuda ghaliex waqt li r-rapprezentanza gudizzjarja hija fdata f’idejn direttur wiehed l-amministrazzjoni tal-kumpanija hija fdata f’ idejn minimu ta’ zewg diretturi u jidher li d-direttur l-iehor telaq minn

Malta permanentament b'dan illi l-kumpanija hija fi stat irregolari.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta St. George's Park Company Limited a fol. 14 sa 16 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 17 sa fol. 42 (Dok. "A" sa Dok. "D") tal-process.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Auto Sales Limited datata 3 ta' Gunju 2005 a fol. 44 tal-process fejn eccepixxa: -

1. Illi s-socjeta` Auto Sales Limited ma ghandha ebda relazzjoni guridika ma' Cheryle Ogilvie, Clouds Catering Limited u Francis Chetcuti. Ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju in konnsessjoni ma' dawn l-atturi.

2. Illi ghar-rigward GCO Trading Company Limited din is-socjeta` xtrat karozza ta' *hire purshase* mbaghad naqset li thallas l-ammont dovut skont l-istess kuntratt. Illi Auto Sales Limited otteniet sentenza kontra GCO Trading Company Limited izda din baqghet ma hallset xejn mill-ammont dovut skont l-istess sentenza (Dok "A").

3. Illi ma hemm xejn fil-premessi fic-citazzjoni u lanqas fl-ewwel zewg talbiet li jispjegaw ghaliex is-socjeta` Auto Sales Limited ghandha tigi kkundannata kif spjegat fit-tielet talba tac-citazzjoni.

4. Illi f'kull kaz it-talbiet attrici fil-konfront ta' Auto Sales Limited huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi billi s-socjeta` Auto Sales Limited qatt ma kienet parti ghal ftehim finali bejn il-partijiet fil-kawza u f'kull kaz jekk is-socjeta` konvenuta Auto Sales Limited kienet ser tircievi l-hlas kollu (inkluz spejjez legali u imghax) in konnessjoni mal-Renault Meganne GBC 824 kienet se tagixxi kif indikat fit-tielet talba attrici u ma kienx ikun hemm bzonn ta' kundanna mill-Qorti ghal dan.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Auto Sales Limited u l-lista tax-xhieda a fol. 46 u 47 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Cuschieri datati 22 ta' Gunju 2005 sad-9 ta' Dicembru 2005.

Rat ix-xhieda bl-affidavit ta' Cherlyie Ogilvie datata 9 ta' Novembru 2005 (fol. 55) u dokumenti hemm esebiti minn Dok. "CO1" sa Dok. "CO 9"

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta Auto Sales Limited datata 10 ta' Marzu 2006 li biha esebiet kopja tas-sentenza fl-ismijiet "Auto Sales Limited vs GCO Limited" tal-10 ta' Dicembru 2001 (fol. 109).

Rat in-nota attrici datata 29 ta' April 2006 li biha esebiet kopja tal-Mandat ta' Qbid Numru 2281/2001 (fol. 107).

Rat in-nota attrici datata 8 ta' Gunju 2006 fejn gie esebiet l-affidavit ta' Dr. Henry Antoncich u d-dokumenti Dok. "PR 1" u "Dok. "PR2" u dik datata 12 ta' Gunju 2006 fejn gie esebiet l-affidavit ta' Francis Chetcuti u d-Dok. "A" (fol. 121).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2006 il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli biex izzomm seduta wahda u tisma' il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli, ix-xhieda quddiemha prodotta, id-dokumenti esebiti u n-nota minnha pprezentata.

Rat in-nota attrici datata 9 ta' Ottubru 2006 (fol. 139).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn 21 ta' Novembru 2006 gie nominat Dr. Ian Vella Galea bhala Perit Legali.

Rat in-noti tas-socjeta' konvenuta St. George's Park Company Limited datati 5 u 9 ta' Jannar 2007 fejn gie esebiet l-affidavit ta' Dr. Franco Vassallo bhala Dok. "A" datat 4 ta' Jannar 2007 u dak ta' Peter Paul Testaferata Moroni Viani datat 8 ta' Jannar 2007 (Dok. A" fol. 160).

Ratil-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea, bix-xhieda kollha quddiemu prodotta nkluza dik ta' Francis Chetcuti, Dr. Henry Antoncich, Cherly Ogilvie, Peter Paul Testaferrata Moroni Viani, Dr. Franco Vassallo, u d-dokumenti esebti.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-atturi datata28 ta' Mejju 2007 a fol. 235 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' Auto Sales Limited datata 25 ta' Gunju 2007 a fol. 242 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet responsiva ta' Saint George's Park Company Limited datata 2 ta' Lulju 2007.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea datat 21 ta' Jannar 2008 u mahluf fis-seduta tad-9 ta' April 2008 (fol. 265 *et sequitur).*

Rat in-nota ta' kritika tal-atturi ghar-rapport peritali datata 29 ta' Dicembru 2008.

Rat in-nota risponsiva ta' Auto Sales Limited datata 29 ta' Jannar 2009.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-28 ta' Ottubru 2008 quddiem il-Qorti fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u Dr. Antoncich talab li jaghmel nota ta' kritika tar-rapport u l-Qorti laqghet it-talba b'terminu ta' sittin gurnata ghall-prezentata ta' nota *da parte* tal-partijiet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' April 2009.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti fejn il-kawza giet rikjamata ghas-sentenza ghat-28 ta' April 2009.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi f''din il-kawza l-atturi qed isostnu li gie milhuq ftehim ta' transazzjoni bejn uhud mill-partijiet fil-kawza, u senjatament Clouds Catering Limited, Francis Chetcuti, Saint George's Park Limited, fejn qed jinghad li permezz ta' l-istess giet konkluza l-kawza fl-ismijiet "St. George's Park Company Limited vs Clouds Catering Limited u Francis Chetcuti bhala garanti (Citaz. Numru 472/03/JRM) u dan fis-sens li s-socjeta' Clouds Catering Co. Ltd. u Francis Chetcuti jcedu l-appell minnhom maghmul mid-digriet datat 19 ta' Gunju 2003 u jammettu t-talbiet attrici, li s-socjeta' St. George's Park Co. Ltd ccedi l-appell incidentali taghha mill-istess digriet, li s-socjeta' St. George's Park Co. Ltd ma tinforzax is-sentenza ghall-hlas ta' bilanc ta' l-arretrati tal-kera tal-hanut "Imsomnia" gia "Clouds", u li s-socjeta' St. George's Park Co. Ltd. thallas is-somma ta' Lm6,500 bhala bilanc tal-prezz tal-karozza Megane Reg. No. GBC – 825 u li l-hlas u trasferiment relattiv isir wara l-qari tas-sentenza msemmija.

Illi jirrizulta li saru c-cessjonijiet tal-appelli kollha fuq indikati fl-1 ta' April 2004, u wara ammissjoni tal-konvenuti f'dik il-kawza permezz ta' nota datata l-1 ta' April 2004, inghatat sentenza fil-kawza fuq indikata fit-2 ta' April 2004 (Dok. "CO8" – fol. 46). Jirrizulta wkoll li Gordon Ogilvie ghan-nom tas-socjeta' Clouds Catering Limited interpona appell mill-istess sentenza, izda b'decizjoni datata 8 ta' Lulju 2004 l-Onorabbli Qorti tal-Appell ordnat l-

esekuzzjoni provizorja tas-sentenza kontra garanzija bankarja ta' Lm100,000 ghalkemm l-appell li mar *sine die* fl-14 ta' Novembru 2006; jirrizulta wkoll li fit-8 ta' Jannar 2004 fuq firma ta' Cherrlye Ogilvie (Karta tal-Identita' 354469 (M)) gew irtirati minn Dr. Henry Antoncich u li s-somom rispettivi ta' Lm5,563.53 u Lm5,551.53 li kienu gew depositati mis-socjeta' Clouds Catering Limited ghall-hlas ta' kera lis-socjeta' St. George's Park Limited permezz ta' Cedoli ta' Depositi Numri 1052/2000 u 129/2001 (Dok. "Ced 1" u "Ced 2" - fol. 152 – 157).

Illi l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta St. George's Park Company Limted hija fis-sens li l-azzjoni ma tistax tirnexxi ghaliex kwalunkwe ftehim li bih tigi rizolta vertenza gudizzjarja ossia transazzjoni ghandu jsir bil-miktub a bazi tal-**artikolu 1718 tal-Kap. 16.**

Illi fil-verita' l-artikolu relevanti huwa l-**artikolu 1233 (1) (d) tal-Kap. 16** li jipprovdi li bla hsara ghall-kazijiet fejn il-ligi espressament taghmel mehtieg l-att pubbliku, ghandhom isiru taht piena ta' nullita', kull ftehim ta' transazzjoni. L-**artikolu 1718** jipprovdi d-definizzjoni ta' x'inhu kuntratt ta' transazzjoni u cjoe" *"kuntratt li bih il-partijiet, b'xi haga li jaghtu, jew izommu, jaghtu tmiem ghal kawza mibdija, jew jevitaw kawza li tkun sejra ssir".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Trevor Buhagiar et vs Montalto Insurance Services Limited"** (P.A. (RCP) – 30 ta' April 2003 inghad li *skop ta' dan il-kuntratt huwa dak li tigi terminata kawza mibdija jew li tigi evitata kawza imminenti b'mod li hija nulla kwalunkwe transazzjoni bejn il-partijiet fuq haga li huma jkollhom kontroversja fuqha; kontroversja, mbaghad, li trid tkun serja u reali, b'dubju dwar l-ezitu taghha; u cjoe' li l-kawza li l-partijiet ikunu jridu jitterminaw jew jevitaw tkun trid tkun dubja fiha nfisha jew fl-animu tal-partijiet."* (**"Filippo Chircop vs A.I.C. Godwin Drago"** (28 ta' Gunju 1962 – Vol.46C. ii. 668; **"Saverio Spiteri vs Giuseppe Azzopardi"** – A.C. – 21 ta' Jannar 2008).

Illi infatti ***Albertio Trabucchi*** fil-trattat **"Istituzioni di Diritto Civile"** jghid li *"la transazione infine e' il contratto*

*con il quale le parti pongono fine a una lite gia' cominciata o prevengono una lite che sta per sorgere tra loro, facendosi reciproche concessioni … … La transazione non puo' essere provata con testimoni; richiede la prova scritta"* (pagni 851;852). **"Macpherson Medditeranean Limited vs J. Lautier Co. Limited"** (P.A. (RCP) – 1 ta' Ottubru 2002).

Illi ma hemm l-ebda dubju li skont dawn id-disposizzjonijiet ftehim ta' transazzjoni jrid isir bil-miktub **("Joseph Micallef vs Raymond Vella"** (A.C. – 8 ta' Marzu 1991) u din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz odjern ma hemm ebda ftehim bil-miktub u fil-fatt ma gie esebit ebda ftehim in iskritt f'dan is-sens.

Illi s-sottomissjoni attrici hija li hemm tali ftehim in iskritt meta wiehed jikkonsidra flimkien id-Dok. "CO1" sa Dok. "CO9" u d-Dok. "PR1", u jidher li saret riferenza partikolari ghall-Dok. "CO 9" (fol. 95).

Illi izda din il-Qorti ma thossx li dan huwa minnu u dan peress li id-Dok. "CO1" huwa biss kopja tac-citazzjoni numru 472/03/JRM, mentri Dok. "CO 2" huwa rikors ta' l-appell minn Clouds Limited et minn digriet datat 19 ta' Gunju 2003, kopja tar-risposta ta' appell, u appell incidentali minn socjeta' konvenuta (fol. 70 sa 81);

Illi Dok. "CO3" u "CO 4" (fol. 82 u 82) huma kopji ta' zewg ittri datati 6 ta' Frar 2004 skambjati bejn d-difensuri tal-partijiet hemm indikati fejn giet diskussa l-possibilita' ta' transazzjoni fis-sens hemm indikat li saru *"without prejudice"* u ghalhekk certament ma jistax jinghad li dan jikkostitwixxi ftehim. Dan apparti li f'tali skritturi l-partijiet kollha f'din il-kawza ma kienux kollha nvoluti proprju ghaliex il-partijiet f'din il-kawza ma humiex il-partijiet fil-kawza hemm diskussa.

Illi dwar id-Dok. "CO 5" sa "CO 7" (fol. 84 sa 89) huma kopji tan-nota ta' cessjoni ta' appell, nota ta' ammissjoni, kopja ta' nota ta' cessjoni ta' appell incidentali, u kopja tas-sentenza tat-2 ta' April 2004 fil-kawza Citaz. Numru 472/03/JRM, u minn tali dokumenti certament ma jistax

jinghad li hemm xi forma ta’ transazzjoni u fil-fatt lanqas saret riferenza ghal xi forma ta’ transazzjoni.

Illi dwar id-Dok. “CO9” din hija *e – mail* datata 5 ta’ April 2004 minn Dr. Franco Vassallo lil Dr. Henry Antonich li jinghad fiha *“Kindly get in touch with Dr. Philip Manduca (autosales lawyer) so as to affect the transfer”* u d-Dok. “PR1” (fol. 118/119) huwa abbozz ta’ ftehim mibghut b’fax minn Dr. Philip Manduca lil Dr. Henry Antoncich rigwardanti t-trasferiment tal-vettura Renault mis-socjeta’ GCO Trading Limited lis-socjeta’ Auto Sales Limited. Dawn id-dokumenti jindikaw li ghalkemm id-difensuri tal-partijiet hemm indikati kienu qeghdin fi trattativi dwar il-pendenzi gudizzjarji ta’ bejniethom, ma jistax jinghad li tali dokumenti jippruvaw li fil-fatt sehh xi ftehim, tant li l-abbozz dwar il-vettura baqa’ lanqas gie ffirmat u allura zgur ma jistax jinghad li saret transazzjoni bil-miktub. Dan qed jinghad apparti l-fatt indikat mill-perit legali li mkien mill-istess dokumenti ma jirrizulta li kien hemm xi ftehim li s-sentenza dwar il-hlas ta’ arretrati ta’ kera ma jigi inforzat mis-socjeta’ St. George’s Park Company Limited fil-konfront tas-socjeta’ Clouds Catering Limited u Francis Chetcuti – dwar ic-cedoli ta’ kera 1052/00 u 129/01 ma jirrizultax li kien sar xi ftehim, u fil-fatt jidher li dawn gew unilateralment zbankati minn Cheryl Ogilvie u Dr. Henry Antoncich.

Illi dwar is-socjeta’ Clouds Catering Limited jinghad ukoll li l-appell li sar minnha mis-sentenza tat-2 ta’ April 2004 jillimita wkoll kontra t-tezi li ntlahqet transazzjoni bejn il-partijiet f’dik il-kawza. Fil-fatt huwa difficli kif jista’ jinghad li sehhet transazzjoni meta s-socjeta’ Clouds Catering Company Limited interponiet appell mill-istess sentenza kif jirrizulta fost ohrajn mill-affidavits ta’ Dr. Franco Vassallo (4 ta’ Jannar 2007) u ta’ Peter Paul Testaferrata Moroni Viani (8 ta’ Jannar 2007) u mid-Dok. “DFV 5” – Dok. “DFV 6” – Dok. “DFV 9” – Dok. “A” (fol. 209).

Illi anke jekk wiehed jiehu dak li gie ritenut fis-sentenza **“Gerald Vella et vs Dr. Joseph Cassar nomine”** – A. K. 24 ta’ April 1967) ma jistax jigi kkunsidrat li tali dokumenti indikati mill-atturi jammontaw ghall-skrittura privata, u dan

proprju ghaliex tali dokumenti ma kienux iffirmati mill-partijiet, u dan in-nuqqas ta' firem ma jistax jigi supplimentat b'xhieda jew mezzi ohra (**"MacPherson Mediterranean Limited vs J. Lautier Company Limited"** – P.A. (RCP) – 12 ta' Dicembru 2002); **"Deidre Cachia vs Gaba Diamonds Company Limited"** P.A. (RCP) – 8 ta' Novembru 2000; **"Joseph Baldacchino et vs Carmelo sive Charlie Camilleri"** – A. C. – 5 ta' Ottubru 1998).

Illi skont is-sentenza fuq riferita **"Trevor Buhagiar et vs Montalto Insurance Services Limited"** il-ligi tipprovdi parametri precizi li jesigu l-ezistenza ta' kitba iffirmata mill-partijiet fil-kaz ta' dawk il-kuntratti ta' transazzjoni, li jaghtu tmiem ghal kawza mibdija jew jevitaw kawza li tkun sejra ssir, u la darba dan huwa dak li l-atturi qed jippretendu, n-nuqqas ta' skrittura privata iffirmata mill-partijiet, liema firma tirrispekkja in iskritt il-volonta' espressa u formali taghhom, hija fatali ghall-kawza taghhom. B'hekk l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta St.George's Park Company Limited qed tigi milqugha.

Illi jinghad ukoll li l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' Auto Sales Limited ghandha wkoll tigi milqugha u dan peress li l-istess socjeta' ma ghandha l-ebda relazzjoni mal-atturi Cheryle Ogilvie, Clouds Catering Company Limited u Francis Chetcuti. Jinghad ukol li ma hemm ebda prova ta' ftehim in iskritt tal-istess atturi mas-socjeta' konvenuta.

Illi fil-konfront tas-socjeta' GCO Trading Limited hemm it-tieni eccezzjoni fejn gie indikat li b'sentenza ndikata fl-istess atti jirrizulta li l-istess socjeta' attrici ma hallsitx l-ammonti dovuti minnha – u certament ma hemm l-ebda kitba ta' transazzjoni bejn l-istess zewg socjetajiet. B'hekk anke din l-eccezzjoni qed tigi milqugha; kif qed jigu milqugha t-tielet u r-raba' eccezzonjonijiet proprju ghaliex ma jirrizultax li l-istess socjeta' konvenuta kienet involuta f'xi skrittura ta' transazzjoni ma' xi hadd mill-atturi.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu michuda.

<u>**III. KONKLUZJONI.**</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' St. George's Park Company Limited u l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Auto Sales Limited u dan in kwantu l-istess huma konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt** ghar-ragunijiet hawn indikati f'din is-sentenza.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------